# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 t'April 2001**

**Numru: 5**
**Citaz. Numru: 566/01/RCP**

**Goodies Limited**

**vs**

**SuperMaster**
**Supermarket Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici premettiet:

Illi bejn Frar 2000 u Frar 2001 is-socjeta' attrici kienet bieghet u kkonsenjat merkanzija lis-socjeta' konvenuta fuq ordni ta' i-istess socjeta' konvenuta.

Illi minkejja illi l-merkanzija giet konsenjata, is-socjeta' konvenuta naqset milli thalas il-prezz tal-istess merkanzija ammontanti ghas-somma ta' elfejn mitejn tmienja u ghoxrin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm2,228.37).

Illi minkejja illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex thallas hija baqghet inadempjenti.

Illi dan id-debitu huwa cert likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta attrici s-socjeta` konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti u ghalhekk il-kawza tista' tigi decisa ai termini tal-Artiklu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili.

L-istess socjeta` attrici talbet li ghalhekk s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex dina il-Qorti ma ghandhiex (1) taqta' u tiddeciedi il-kawza ai termini tal-Artiklu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili u cioe` bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza u (2) tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm2,228.37 (elfejn mitejn tmienja u ghoxrin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu) dovuti lilha - kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali mid-data tal-konsenji rispettivi u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid ippresentat kontestwalment mal-presenti kontra s-socjeta`

konvenuta li minn issa tibqa' ingunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat l-affidavit ta' Anthony Tabone ghan-nom tas-socjeta` attrici u d-dokumenti esebiti.

Rat li socjeta` konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u msejha tlett darbiet lanqas ma dehret.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba attrici** kif dedotta, fic-citazzjoni b'dan illi:

(2) tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm2,228.37 (elfejn mitejn tmienja u ghoxrin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu) dovuti lilha - kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali mid-data tal-konsenji rispettivi u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid ippresentat

kontestwalment mac-citazzjoni kontra s-socjeta` konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**27 t'April, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**27 t'April, 2001**